



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' April 2016 – ADR Center vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-364/15 R)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Klawżola ta’ arbitraġġ — Ftehimiet konklużi sabiex jiġu mwettqa proġetti ffinanzjati mill-Unjoni fil-kuntest tal-programm ‘Ġustizzja Ċivil’ — Deċiżjoni eżekuttiva tal-Kummissjoni li tipproċedi għall-irkupru tas-somom imħallsa — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta’ urġenza”

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-ġoti — Fumus boni juris — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Natura kumulattiva — Ibbilanċjar tal-interessi kollha inkwistjoni — Setgħa diskrezzjonali tal-Imħallef għal miżuri provviżorji (Artikoli 256(1) TFUE, 278 TFUE u 279 TFUE u r-raba’ paragrafu tal-Artikolu 299 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikoli 156(3) u 161(1)) (ara l-punti 17-19)*
2. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-ġoti — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Oneru tal-prova — Dannu finanzjarju — Obbligu li jingħataw indikazzjonijiet konkreti u preċiżi, sostnuti bi provi dokumentali ddettaljati — Sitwazzjoni li tista’ tipperikola l-eżistenza tal-kumpannija rikorrenti — Evalwazzjoni fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-grupp ta’ appartenenza (Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(3)) (ara l-punti 26-30, 32, 34-36, 38, 39)*

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni forzata tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2015) 3117 finali, tal-4 ta’ Mejju 2015, dwar l-irkupru tal-ammont ta’ EUR 432637.97, miżjud bl-interessi, dovut minn ADR Center Srl b’referenza għan-noti ta’ debitu Nri 3241408192 u 3241409206 li rispettivament jirrigwardaw EUR 155507.97 u EUR 277 130.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) Id-digriet tat-22 ta’ Jannar 2016 huwa mħassar, peress li jirrigwarda l-Kawża T-364/15 R.

- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.